MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 65/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Renald Barbara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Renald Barbara talli:

(1) talli fix-xhur ta’ Marzu u April tas-sena 2006 f’hinijiet differenti minn gewwa il-fond VBP Malta Limited Hal Far, limiti ta’ Birzebbugia ikkometta serq ta’ makkinarju u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Carmel maghruf bhala Chrales Brincat liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont, mezz u dana ai termini ta’l-artikoli 261, 263, 267, 270, 279 u 280 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(2) u aktar talli fl-istess postijiet, hinijiet, taht l-istess cirkostanzi kif ukoll matul dawn l-ahhar xhur f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhhom jew imexxiehom u cioe' oggetti imsemmija fl-ewwel akkuza a detriment ta'l-istess persuna imsemmija fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) u aktar talli fl-istess hinijiet u taht l-istess cirkostanzi gewwa diversi postijiet tal-gzejjer Maltin akkuzat talli wara li kien ga ikkundannat u nstab hati ghal serq f'Malta jew ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu oggett ohra li ma humiex tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament fil-pussess

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi titratta mal-imputat bhala li rrenda ruhu recidiv wara li gie misjuba hati li kkommetta diversi reati, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2009, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Renald Barbara mhux hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u lliberatu minnhom. Sabitu hati tat-tieni u r-raba' akkuza u kunndannatu tmintax –il xahar prigunerija. Il-Qorti ordnat li l-imputat ihallas l-ispejjez kollha konessi ma' l-esperti nominati ta' Eur 317.26.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Ranald Barbara pprezentat fit-2 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (i) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima fit-18 ta' Frar 2009 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni jew htija (ii) alternattivament u minghajr pregudizzju, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li l-ewwel aggravju m' ghandux jintlaqa', tvarja l-istess sentenza fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u r-raba' akkuzi u fejn

ikkundannatu ghal tmintax –il xahar prigunerija, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti fejn ikkundannatu ihallas l-ispejjez kollha konnessi ma' l-esperti nominati fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali fl-ammont ta' EUR 317.26 lir-Registratur tal-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi; (2) li ma kellux jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali.

Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti applikat hazin it-teorija ta' *unlawful possession of recently stolen goods*. Din it-teorija ma timplikax illi min ikun instab f'pussess ta' oggett misruq, awtomatikament irid jinstab hati ta' ricettazzjoni, u l-Qorti xorta trid tqis ic-cirkostanzi bir-reqqa kollha. Mill-provi f'dan il-kaz, jghid l-appellant, ma jirrizultax illi huwa kien jaf jew messu kien jaf illi l-magna in kwistjoni kellha provenjenza kriminuza. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kienet taht l-impressjoni zbaljata li din il-magna kienet giet abbandunata go garaxx li kien qieghed jintuza jew kien fil-pussess ta' l-appellant. Dan mhuwiex minnu, isostni l-appellant. Huwa kien qieghed jokkupa xi kmamar vicin il-garaxx fejn giet abbandunata l-magna, u beda jizbarazza l-garaxx fejn kienet tinsab il-magna sabiex juzah, xhur wara li kien innota dik il-magna. Meta ddecieda li jbighha, dan kien aktar minn sena wara li kien innotaha. Ghalhekk it-*theory of recent possession* hu mankanti ghaliex ma jistax jinghad li l-magna kienet fil-pussess tieghu vicin il-perijodu meta nsterqet.

L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma setghetx tinferixxi xi malafede da parti tieghu minhabba li messu nnota l-movimenti ta' xi nies u xi vettura kbira meta l-magna ngabet fejn giet abbandunata. Hu ma jghixx fl-

inhawi izda r-Rabat. Fejn hemm il-garaxx u kmamar ohra hu jzomm xi annimali u ghalhekk mhuwiex inverosimili li ma ra lil hadd jittrasporta l-magna. L-appellant inoltre jsostni illi l-ewwel Qorti ma setghetx tikkonvinci ruhha fuq il-htija tieghu minhabba illi ratha stramba kif xi hadd seta' jisraq magna kbira biex imbaghad jabbandunaha – din ma jistax jispjegaha l-appellant li gie lliberat mill-imputazzjoni ta' serq izda min effettivament seraq il-magna.

Issa, l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti tar-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li huwa hati ta' reat kull min f'Malta, "xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom". Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.[1]
M'hemm l-ebda dubju li l-magna in kwistjoni kienet gejja minn serq li sehh bejn il-15 ta' Marzu u l-5 ta' April tas-sena 2006 minn gol-fabbrika bl-isem ta' VBP Malta Ltd., Industrial Estate, Hal-Far. Din il-magna nstabet fil-25 ta' Lulju 2007 fil-pussess ta' certu Daniel Agius li kien xtraha minghand certu Carmelo Abela. Dan Carmelo Abela kien qabel xtara l-magna minghand l-appellant. L-appellant jissottometti illi huwa la kien jaf u lanqas messu ragjonevolment kien jaf li l-magna kienet gejja minn provenjenza kriminuza.

Din il-Qorti trid l-ewwelnett tosserva illi, kif irrileva l-appellant, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonkludiet li meta l-appellant fix-xiehda tieghu qal li kien ilu juza l-kamra ghal xi sentejn qabel il-kaz, huwa kien qieghed jirreferi ghall-garaxx fejn kien hemm il-magna.

[1] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Cini**, 5 ta' Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

Effettivament meta l-appellant fix-xiehda tieghu qal: “Ili nuza din il-kamra ghal dawn l-ahhar sentejn. Kont ili anzi nuza din il-kamra xi sentejn qabel ma nqala’ dan il-kaz”, huwa kien qieghed jirreferi ghall-kamra li fiha kien izomm xi zwiemel u mhux ghall-kamra, ossia garaxx, fejn kien hemm il-magna.

Lanqas ma kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet illi l-appellant biegh il-magna wara sena u erba’ xhur. Fil-fatt din il-Qorti nnutat li l-appellant jikkontradici ruhu f’dar-rigward. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija qal li l-magna kien ilu li raha xi sena u erba’ xhur qabel id-data ta’ l-istqarrija – l-istqarrija ghamilha fis-26 ta’ Lulju 2007. Pero` mbaghad fix-xiehda tieghu qal li, “kif ghidt fl-istqarrija tieghi, din il-magna kont ili naraha hemmhekk ghal madwar sena u nofs”. Effettivament fl-istqarrija tieghu qal hekk:

“M. Kemm kont ilek li rajtha din il-magna?
T. Xi sena u erba’xhur ilu.
…
M. Meta tajtha lil Charlie?
T. Xi sena nahseb.
M. Allura ghamilt erba’ xhur thares lejha qabel iddecidejt li tbieghha?
T. Kont ili naraha erba’ xhur hemmhekk imma qabel hux, kif naqbad infehmek, il-hadid niehdu meta nigi broke biex inbieghhu.”

Dak li huwa interessanti hu li meta l-appellant qal li kien ilu li ra l-magna xi sena u erba’ xhur qabel id-data ta’ l-istqarrija, dan ifisser li raha proprju meta nsterqet. *Multo magis* mela japplika t-*theory of recent possession.* L-appellant jipprova jaghti x’jifhem li l-magna raha abbandunata. Izda mill-ewwel kellu l-intenzjoni li jbieghha “meta jigi broke”. Jigifieri l-magna kienet effettivament fil-pussess tieghu. Dwar jekk kienx jaf, jew messux ragjonevolment kien jaf li kienet gejja minn serq, ir-risposta itiha hu stess fl-istqarrija tieghu:
“M. Ara nghidlekx sew li inti taf li din il-makna misruqa?
T. Le.

M. Ghaliex il-bierah lili u lis-Supretendent ghidtilna li kont taf li misruqa u sahansitra ghidt lil Charlie hekk?
T. Jien ghidt li ssuspettajt li giet minn xi haga hekk minn fejn giet ma nafx jiena u hekk ghidt lil Charlie cioe` ghidtlu jekk hix misruqa jew le ma nafx."

La "ssuspetta li gejja mis-serq" ma kellux jintriga biha. L-Ispettur Mario Tonna fix-xiehda tieghu wkoll jghid: "Meta jiena kont kellimt lil Renald Barbara dan ghall-bidu kien qal li lil Abela kien infurmah li din il-magna jista' jkun gejja minn serq pero` meta gew ikkonfrontati Barbara rega' biddel il-verzjoni."

Imbaghad, magna ta' dik ix-xorta li, mir-rapport peritali, jirrizulta li tiswa madwar Lm3,000 (illum ekwivalenti ghal €6988.12), ma titfaccax mill-ajru u ma tigix abbandunata kif gib u lahaq.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, u nonostante l-iskorrettezzi fattwali suriferiti ta' l-ewwel Qorti, il-konkluzjoni taghha dwar il-htija ta' l-appellant tar-reat ta' ricettazzjoni kienet korretta. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jippretendi li m'ghandux ihallas l-ispejjez peritali ghax gie lliberat mill-imputazzjoni ta' serq. Din il-Qorti ma taqbilx. Biex jigi ppruvat ir-reat ta' ricettazzjoni, trid tigi ppruvata l-provenjenza kriminuza ta' l-oggett, f'dan il-kaz li l-magna kienet gejja minn serq. Il-perizji li taghhom l-appellant gie ordnat ihallas l-ispejjez peritali saru biex jigu stabbiliti l-fattispeci tas-serq in kwistjoni, u ghalhekk ghenu fir-rigward tas-sejbien ta' htija tar-reat ta' ricettazzjoni. U billi ma jirrizultax li ttiehdu proceduri kontra terzi akkuzati bir-reat ta' serq, dawn l-ispejjez irid ihallashom l-appellant. Kwindi anke t-tieni aggravju qieghed jigi michud.

Nigu issa ghall-piena. L-appellant ghandu hajja pjuttost refrattarja. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2010 pero` xehed Carmel Cremona mill-agenzija CARITAS. Huwa qal li l-appellant qieghed fil-Prisoner Improvement Programme f'Bahar ic-Caghak u fadallu sena u erba' xhur f'dak il-

programm. Dan il-programm huwa *"full rehabilitation from drugs"*. Kien ilu tliet xhur diga` fil-programm u miexi tajjeb. Din il-Qorti tittama li dan huwa t-*turning-point* ghall-appellant u li l-programm li jinsab fih ikun il-mezz ta' kif ibiddel hajtu kompletament. Temmen illi aktar minn piena ohra ta' prigunerija f'dan l-istadju l-appellant ghandu jinghata s-*support* kollu necessarju sabiex, una volta terminat il-programm, ikollu l-ghajnuna kollha possibbli sabiex jirreintegra ruhu fis-socjeta`. Ghalhekk, u wara li l-appellant indika li huwa lest ghal kondizzjonijet ta' ordni ta' *probation*, din il-Qorti sejra taghmel tali ordni bl-avvertiment car li jekk, bl-icken mod, l-appellant jikser il-kondizzjonijiet li ser jinghatawlu, imbaghad ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar u minflok  tqieghdu taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------